MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1066/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Alex Portanier u John Portanier**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti, u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn il-konvenuti Alex Portanier u John Portanier u t-TeleMalta Corporation (ara dokument A), il-konvenuti huma debituri versu s-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,522.38) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 376805;

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-servizz tat-telefon u sejhiet maghmula bit-telefon, kif indikati fil-prospett anness (Dokument B);

Premess illi minkejja li nterpellati hallsu l-ammont dovut il-konvenuti baqghu nadempjenti; u

Premess illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u il-konvenut m'ghandhomx eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici kif jidher ukoll mill-affidavit (Dokument X);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikolu 167 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri veru s-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,522.38) ; u

3. Tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u tnejn u ghoxrin lira Mlatin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,522.38) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 376805 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 1997, u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tal-kontijiet relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** ta' l-avukat Dr. Kris Borg bhala mandatarju specjali ta' Alex Portanier a fol. 28 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn Alex Portanier u Maltacom p.l.c. stante li l-istess Alex Portanier ma kienx parti mill-kuntratt suggett ta’ din il-kawza;

2. Illi ghalhekk fil-konfront tal-konvenut nomine il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut l-iehor John Portanier debitament notifikat (ara fol 24 u 40) naqas li jipprezenta eccezzjonijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

Alex Portanier xehed fl-affidavit tieghu li baghat minn barra minn Malta, li hu ma kellux x’jaqsam aktar ma Rusticana Bar and Restaurant mis-sena 1990. Hu qal li l-firma tieghu fuq l-applikazzjoni datata 9 ta’ Novembru 1993 mhiex tieghu, imma hija falza, u l-*identity card number* 559441 mhux tieghu.

Meta mbaghad meta gie Malta rega’ xehed u qal li l-firma fuq id-dokument A a fol 6 tal-process mhiex tieghu izda tixbah il-firma ta’ John Portanier. In-numru tal-I.D.card tieghu huma 666658(M). Hu wera lill Imhallef Supplenti li semgha x-xhieda tieghu li l-firma tieghu kif tidher fuq il-passaport tieghu ma tixbahx dik li hemm fuq id-Dok A. Anke il-firma fuq l-affidavit tieghu a fol 31 ma taqbilx ma dika fuq id-dok A. Hu ilu l-Ingilterra minn 1995. Fuq kontroezami wiegeb li hu qatt ma ta l-I.D.Card tieghu lill John Portanier.

David Buttigieg prodott mill-atturi xehed li l-applikazzjoni ghat-telephone kienet saret minn Alex Portanier. Ma kienet saret ebda talba biex jinbidel l-isem tal-persuna

registrata. Is-servizz kien gie maqtugh fin-1997. Hu ma jafx minn kien mar japplika u ffirma fuq l-applikazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut John Portanier ma wiegibx ghat-talbiet attrici u ma pprezentax eccezzjonijiet pero' fl-applikazzjoni ghas-servizz tat-telephone l-persuna registrata tidher bhala Alex Portanier u mhux John Portanier. Ghalhekk John Portanier ma jistax jigi mizmum responsabbili ghall dana l-kont li mhux fuq ismu.

Kwantu ghall Alex Portanier dan qed jeccepixxi li hu ma kienx parti mill-kuntratt suggett ta' din il-kawza billi l-firma fuq l-applikazzjoni mhiex tieghu imma hija wahda falza u l-*identity card number* fuq l-istess applikazzjoni mhux tieghu.

Illi l-presunzjoni hija li bhala regola huwa accettat li dak li hemm miktub fuq dokument jirrifletti r-realta', imma meta dina l-presunzjoni tigi skossa l-oneru tal-prova necessarjament jigi spostat ghal fuq min ikun qed jabbaza ruhhu fuq dak id-dokument.

Skond l-artikolu 634 (1) tal-Kap 12, Il-persuna li kontra taghha tingieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pozittiv jekk il-kitba jew il-firma hix taghha jew le, u, fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun maghduda, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew firma taghha.

F'dan il-kaz Alex Portanier cahad li l-firma fuq id-dokument A hija tieghu. Cahad li hu ghamel l-applikazzjoni li giet prezentata, u ddikjara li l-I.D.Card Number fuq dina l-applikazzjoni mhiex tieghu. F'dan l-istat tal-provi kien jispetta lill-atturi li jippruvaw il-kuntrarju. Izda l-atturi ma ressuq ebda prova biex jikkontradicu dak li xehed Alex Portanier bil-gurament. Il-Kodici ta' Procedura jipprovvdi fl-artikolu 635 li:

Meta hu mehtieg li tigi vverifikata l-kitba ta’ min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista’ ssir –

(a) billi l-kitba tigi maghrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument;
(b) b’xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument;
(c) b’xhieda illi, ghalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jaghrfu l-kitba taghha;
(d) bit-taqbil ta’ kitba ma’ ohra, jew b’cirkostanzi ohra jew kongetturi;
(e) b’periti tal-kitba, meta tkun kitba difficli biex tigi ivverifikata.

Fil-kaz in ezami l-atturi, konfrontati bix-xhieda ta’ Alex Portanier, m’ghamlu xejn aktar milli kkonfermaw li l-ammont hu dovut, u li ma jafux min iffirma u applika. Huma ma gabux prova b’xhieda li raw lill Portanier jikteb jew jiffirma d-dokument; x’verifiki ghamlu dwar l-*Identity Card* meta saret il-firma; anqas ma talbu n-nomina ta’ perit tal-kitba biex jirrelata dwar il-firma ta’ Alex Portanier.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhom jippruvaw li l-ammont mitlub hu dovut mill-konvenut Alex Portanier.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba ta’ l-atturi
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------